A.L. 373 ta' l-2005

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti ta' l-2005 dwar il-ġbir ta' Drittijiet mill-Kumitat ta' l-Appelli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 49 (3)(d) u 51 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar il-ġbir ta' Drittijiet mill-Kumitat ta' l-Appelli.

Drittijiet.

2. Għandhom jitħallsu lill-Kumitat ta' l-Appelli dawn id-drittijiet li ġejjin:–

(a) għal kull appell minn deċiżjoni ta' wieħed mill-Kunsilli ..... Lm50.

(b) għal kull appell minn deċiżjoni tal-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti .....Lm70.